# KNEJJES U KAPPELLI DEDIKATI LID-DULURI

## IL-KNISJA DEDIKATA LIL MARIJA ADDOLORATA GEWWA SERRA SAN BRUNO



Il-knisja kemm minn barra kif ukoll minn gewwa hija gawhra ta' arkitettura barokka.

Twaqqfet fis-sena 1721, imma il-fondispizju huwa aktar ricenti billi l-antik waqa' kawza ta' sajjetta fis-sena 1751.

Is-sena li hemm incisa fuq il-bieb (1694) hija d-data ta' meta giet istitwita il-fratellanza tas-Seba' Duluri.

Kien Biagio Scaramuzzini, perit minn Serra li ddisinja il-fondispizju; ix-xoghol kien mahdum minn Vincenzo Salerno, ukoll minn Serra. Dak iz-zmien ix-xoghol gie jiswa 22 elf ducat.

Il-prospett li ghandu apparenza tonda huwa xoghol barokk eleganti tas-17 il-seklu mahdum fil-granit tal-lokal.



Li kieku ma kienx ghal qsim li garrab fit-terremot meta l-bini ccaqlaq, kieku l-fondispizju ghandu dehra ta' blokka maghquda u shiha bil-pilastri, kapitelli u ornamenti ohra skolpiti minnha nnfisha u mhux separati.

Il-bieb ta' barra mahdum fil-bronz, li fuq hemm riprodotti s-seba' duluri ta' Marija, kien disinjat u mmodellat mill-professur Guzeppi M. Pisani, iz-zghir, fis-sena 1961. Kollox sar fil-funderija Lagana' gewwa Napli.

L-INTERN TAL-KNISJA

Il-bieb intern huwa xoghol fl-ijam tal-kawba minn Annunziato Salvator Tripodi fis-snin 1958 -59 fuq disinn ta' Giuseppe M. Pisani, iz-zghir.

Il-knisja hija forma ta' salib latin b'navata wahda biss. Il-koppla tal-knsija hija mibnija fuq zewg pjani. Il-paviment huwa ta' l-irham ikkulurit li zmien qabel kien jinsab f'Abazzija antika.

Il-bankijiet tal-fratelli huma opra ta' hila kbira mill-artisti ta' Serra tas-sekli 18 u 19, mahduma bl-injam tal-gewz. Fin-navata hemm erba' midaljuni ovali ta' irham abjad li jmorru lura lejn is-sena 1600. Fl-antik kienu jiffurmaw parti mill-Abbazija .



Jirrapprezentaw lil San Gennaro, San Pietru u San Pawl u San Bruno.

It-tabernaklu huwa kapulavur. Fuq il-bieba tieghu mahduma fil-fidda hemm ix-xbiha tar-rghajj it-tajjeb. Ghandu forma ta' tempju zghir u imzejjen b'hagar semi prezzjuz, angli u erba statwetti tal-bronz indurati li jirraprezentaw lil San Girolmu, San Ambrog, Santu Wistinu San Girgor il- Kbir, l-erba' dutturi tal-knisja latina. Kien jappartieni lil Abbazija antika u wara t-terremot tas-sena 1783 il-bicciet gew migbura u mmuntati flimkien.

It-tabernaklu huwa mqieghed fuq l-artal monumentali mahdum b'irham mill-aktar fin, gewwa Napli minn Cosimo Fangazo fis-

sena 1631 u mitmum minn G.A. Gallo fis-sena 1650. It-tizjin tal-bronz indurat kien maghmul, skond id-dokumenti mizmuma fl-arkivju tal-knisja, minn S. Scioppi u Raffaele Matiniti bejn is-snin 1635 u 1647. Din l-opra shiha li ghall-patrijiet ta' l-Abbazija kienet tiswa' aktar minn 40 elf skudi, indifnet taht ir-rovini tal-koppla li waqghet bit-terremot tas-sena 1783. Meta l-Abbazija ghalqet il-fdalijiet ta' l-artal bit-tifrik ta' l-ornamenti tieghu gew trasportati gewwa Serra u mibnija mill-gdid fil-knisja ta' l-Addolorata minn Domenico Barillari u artisit ohra serresi. L-artal gie konsagrat fis-sena 1836 mill-arcisqof Tedeschi kif turi lapida ta' l-irham imqieghda fl-istess post fis-sena 1850.

Isebbhu l-artal hemm zewg angli bil-kannestri tal-frott, gholjin madwar .7 metri, mudellati fil-bronz, u mahduma fil-funderija ta' Fanzago.

L-istatwa ta' l-Addolorata hija xoghol skolpit fl-injam gewwa Lucca, ikkummisjonata minn Don Onofrio Pisano, wara li fis-sena 1694 giet imwaqqfa l-konfraternita' ta' l-Addolorata,



aktar tard imsejha Arcikonfraternita' ghaliex kienet l-ewwel wahda gewwa Serra San Bruno.

Fil-knisja jinsabu diversi xoghlijiet ta' pittura; wiehed jista' jammira x-xoghol ta' Giuseppe Maria Pisani, ix-xih, li halla mpittra s-Seba' Fundaturi fuq l-abside;



hemm xena bibblika tar-regina Ester u r-re Assweru opra ta' Stefano Pisani;

il-koppla turi l-figuri ta' l-erba' profeta xoghol ta' Veneziano Pisani.



il-profeta David

il-mexxej lhudi Mose





il-profeta Elija




il-profeta Geremija

U mal-hajt hemm tlett kwadri tat-tila bil-pittura ta' Vincenzo Minichini. (1952)








Fil-knisja jinsab orgni antik bil-kanni tas-sena 1850. Il-Lampi tas-Santissmu Sagrament huma xoghol tas-snin 80 ta' Angelo Lomoro, ukoll abitant minn Serra. Kurcifiss antik mahduma fl-injam, opra monastika ta' l-Abbazija, jintuza fil-funzjoni tal-Gimgha l-Kbira u fil-purcissjoni ta' Kristu mejjet.



IL-KNISJA MINN GEWWA